Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 207/2012

**L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Bezzina**

**Vs**

**Dr Toni Abela u fl-20 ta' Jannar, 2017 Alexander Balzan ipprezenta nota fejn iddikjara li kien qieghed jassumi l-atti minflok il-konvenut l-iehor.**

20 ta' Ottubru, 2017.

1. L-attur appella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Gunju, 2016 li biha giet michuda talba tieghu ghall-hlas ta' danni wara l-pubblikazzjoni ta' artikolu fil-gazzetta Kulhadd tas-6 ta' Mejju, 2012 bit-titlu "Bord ta' Inkjesta jinvestiga l-kaz tal-Perit Bezzina". Fl-artikolu nkiteb li:

   - L-attur *"uza haddiema tal-Gvern biex isir xoghol fuq il-kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq fejn l-istess Perit huwa President"*;
   - *"numru ta' haddiema tal-Gvern li jahdmu fil-Ministeru tar-Rizorsi, fejn il-Perit Bezzina jahdem, kellhom jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fuq il-kazin taz-Zurrieq"*.
   - *"Dan il-kaz tal-Kazin tal-PN fiz-Zurrieq huwa partikolari minhabba, li l-Perit Bezzina ghandu responsabbilta politika bhala President tal-Kazin u ma jistax juza fondi u rizorsi pubblici ghal skopijiet partiggjani"*.
   - *"Aghar minn hekk, il-Perit Bezzina ghandu responsabbilta professjonali u etika tac-Civil fejn huwa mpjegat peress li l-haddiema nvoluti kif ukoll il-foreman jaqghu direttament tahtu u allura ghandu jaccerta ruhu li dawn il-persuni jaghmlu xoghol biss ghall-Gvern"*.

2. Quddiem l-ewwel qorti l-konvenut iddefenda ruhu billi nvoka d-difiza tal-*fair comment*.

3. Fis-sentenza, l-ewwel qorti kkonkludiet li l-fatti li ssemmew fl-artikolu kienu gew ippruvati:

   *"Jirrizulta, di fatti, ippruvat illi r-rikorrent huwa Perit tal-Gvern u President tal-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq.*

   *Jirrizulta ppruvat ukoll illi l-haddiem marru ghax-xoghol fil-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq sabiex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni.*

   *Jirrizulta ippruvat illi persuni illi jaqghu taht ir-responsabbilta tar-rikorrenti ntbaghtu jaghmlu xoghol privat, u mhux talli hekk, talli ntbaghtu jaghmlu xoghol gewwa kazin ta' partit politiku, ossija, f'dan il-kaz, il-Partit Nazzjonalista, li tieghu r-rikorrent kien responsabbli.*

*Jirrizulta wkoll illi kien hemm Inkjesta mill-Ministeru dwar dan il-kaz.*

*Jirrizulta, ghalhekk, illi l-fatti kif rappurtati fl-artikolu jirrizultaw ben ippruvati.*

*Jirrizulta finalment illi huwa minnu li dak irrapurtat fil-gazzetta Kulhadd kien ta' interess pubbliku u l-gurnal kien qieghed jaqdi korrettement id-dmir tieghu meta rraporta ahba illi kienet tirrigwarda persuna pubblika, bhalma huwa r-rikorrent, liema ahbar kienet certament ta' interess pubbliku, stante illi kienet tirrigwarda l-uzu ta' haddiem sudetti tar-rikorrent sabiex jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni gewwa l-Kazin Nazzjonalista taz-Zurrieq, illi tieghu r-rikorrent kien President.*

*Bhalma dejjem insistiet dina l-Qorti, gurnal mhux biss ghandu d-dritt illi jxandar informazzjoni ta' tali tip, izda ghandu d-dmir illi jassikura illi l-poplu jkun jaf bl-azzjonijiet mehuda mill-politici illi jigu eletti mill-istess poplu u, sakemm tali informazzjoni tkun sostanzjalment korretta, dina ma tistax titqies bhala libelluza u malafamanti fil-konfront ta' min ihossu urtat biha".*

4. L-attur appella mis-sentenza, bl-aggravju jkun li fl-artikolu jinghad li huwa ghamel uzu minn fondi u rizorsi pubblici ghal skopijiet privati. Fatt li l-attur isostni li mhuwiex minnu, u anzi jsostni li l-haddiema ghamlu x-xoghol *"barra l-hin tax-xoghol taghhom u a spejjez tal-appellant"*.

5. Il-konvenut wiegeb li l-appell ghandu jigi michud (fol. 22).

6. Il-qorti rat ukoll l-atti tal-kawza 206/2012 fl-ismijiet **L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Bezzina vs Josef Caruana**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Gunju, 2016 u minn din il-qorti fl-10 ta' Marzu, 2017.

7. Fl-artikolu oggett tal-proceduri, ntqalu fatti li rrizultaw li huma veri:

   - Kien inhatar bord ta' inkjesta mill-Ministeru tar-Rizorsi sabiex jinvestiga l-kaz li allegatament intuzaw haddiema tal-Gvern biex saru xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista, li tieghu l-attur kien President.
   - Numru ta' haddiema mpjegati mal-Gvern ghamlu xoghol ta' manutenzjoni fil-kazin taz-Zurrieq.
   - Il-perit Bezzina jahdem mal-Gvern.

8. Fl-artikolu saru wkoll kummenti li:

   - Bhala President tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fiz-Zurrieq, l-attur kellu *"responsabbilta politika"* u ma *"jistax juza fondi u rizorsi pubblici ghal skopijiet partiggjani"*. L-implikazzjoni hu li l-attur uza l-haddiema tal-Gvern waqt il-hin tax-xoghol taghhom. Dan wara kollox kien li nkiteb fl-istess gazzetta fit-28 ta' April, 2012 fejn intqal: *"Il-Perit Bezzina u Joe Borda issa jridu li jinghad li l-haddiema ma gewx sfurzati u li ma kienx waqt il-hin tax-xoghol. Izda l-fatti huma kif zvelathom din il-gazzetta"*.

- Bhala perit impjegat mal-Gvern kellu dmir professjonali u etiku li jaccerta ruhu li l-impjegat tal-Gvern involuti f'dan il-kaz, jahdmu biss ghall-Gvern;

Kummenti li huma flokhom jekk ix-xoghol sar waqt il-hin tax-xoghol ta' Bugeja, Inguanez, Curmi u Borda.

9. Fir-rikors tal-appell jinghad li, *"... sa mill-bidunett tal-proceduri odjerni specifika dawk il-paritjiet tal-artikolu in kwistjoni fejn hu hassu libellat. Dawn kienu l-partijiet fejn l-artikolu kien ipprezenta u implika bhala fatt kompjut u stabbilit illi: (a) Il-haddiema in kwistjoni kienu ntbaghtu jaghmlu x-xoghol privat in kwistjoni* ***waqt il-hin tax-xoghol taghhom mal-Gvern*** *u (b) ix-xoghol privat in kwistjoni* ***sar a spejjez tal-gvern****"*. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

- Tnejn mill-haddiema tal-Gvern li hadmu fil-kazin kienu Charles Curmi u Paul Inguanez li **xehedu li x-xoghol sar waqt il-hin tax-xoghol**. Mis-sentenza tal-ewwel qorti hu evidenti li emmnet dak li qalu (ara pagna 9 tas-sentenza). Ma nghatat l-ebda raguni li tista twassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti kienet zbaljata. F'dan il-kuntest fis-sentenza li din l-istess qorti tat fl-appell 206/2012 diga' kellha l-opportunita tikkumenta dwar id-dikjarazzjoni li kien ipprepara l-attur u li ffirmaw l-impjegat u l-affidavit li sar ghand in-nutar Darmanin. Il-Bord stess fir-rapport osserva, *"jidher car lill-Bord li dawn il-haddiema jibzghu mis-Superjuri taghhom u allura huma hassuhom kostretti bex jiffirmaw id-dikjarazzjoni. Ma jfissirx b'dan li s-superjuri taghhom kellhom xi intenzjoni li jbezzawhom"*.
- Jekk hu hekk, allura zgur li dak ix-xoghol kien sar ghas-spejjez tal-Gvern.

10. L-attur isostni li hemm prova li x-xoghol sar wara l-hin tax-xoghol. Mar-rikors tal-appell ipprezenta dokumenti "Notification Forms" li skont l-attur *"jiddettaljaw il-hinijiet tal-haddiema bl-imqieta, b'markamenti li juru t-tlett haddiema in kwistjoni. Dawn id-dokumenti ma gewx prodotti f'din il-kawza imma gew ezibiti (wara zewg tentattivi precedenti fejn kienu ingiebu dokumenti ohrajn minflok) minn David Bonello rapprezentant tal-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura fil-kawza numru 53/2015 fl-ismijiet Onor AIC Anthony Bezzina vs Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat, fis-seduta datata 3 ta' Gunju, 2016"*. L-attur ma ta l-ebda raguni ghalfejn id-dokumenti ma gewx prezentati waqt li kienu qeghdin ingabru l-provi quddiem l-ewwel qorti. Dokumenti li huma prova gdida li dwarhom hadd ma xehed u jekk jitqiesu bhala prova jkun ifisser li l-konvenut ma nghatax opportunita sabiex iressaq provi kontra. Fic-cirkostanzi l-oggezzjoni tal-konvenut hi gustifikata u ghalhekk il-qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti mehmuza mar-rikors tal-appell.

11. Hu minnu li fir-rapport tal-Bord li mexxa l-inkjesta ordnata mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali ntqal li x-xoghol sar wara l-hin tax-xoghol ghaliex il-haddiema mpjegati mal-Gvern li hadmu fil-kazin kienu jahdmu mis-7 am sas-1.30 pm. Pero dik il-konkluzjoni mhijiex prova certa li hekk gara. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif:

- Il-Bord ma qalx x'wasslu biex jikkonkludi li Paul Inguanez, Mario Bugeja u Charles Curmi kienu jahdmu mis-7 am sas-1.30 pm.
- Joseph Borda, il-Principal Technical Officer, kien xehed li l-hin tax-xoghol tal-imsemmija haddiema kien mis-7 am sal-4.45 pm, ghalkemm jahdmu bl-imqieta sas-1.30 pm;
- Mir-rapport ma jirrizultax li kien gie ntervistat ufficjal mill-*human resources department*;
- Mir-rapport ma jirrizultax li l-imsemmija tlett persuni kienu gew mistoqsija dwar il-hinijiet tax-xoghol taghhom, ghalkemm mar-rapport hemm mehmuza dikjarazzjoni ffirmata mill-istess tlett persuni fejn jinghad li x-xoghol sar wara l-hin tax-xoghol.
- Ma giex spjegat kif haddiema tal-Gvern, **fix-xahar ta' Marzu**, jistghu jahdmu biss sas-1.30 pm. Dan apparti li l-impjegati stess xehedu li telqu minn fuq il-post tax-xoghol fin-12.30 pm.

12. Ghal finijiet ta' din il-kawza hi rrilevanti x'kienet l-intenzjoni tal-attur, cjoe' jekk riedx li x-xoghol isir wara l-hin tax-xoghol (ara dak li qalet din il-qorti f'pagna 6 tas-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2017 fl-appell 206/2012, **L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Bezzina vs Josef Caruana**). Wiehed irid jiftakar ukoll li dan kien kaz fejn il-gurnal kien qieghed jirraporta kaz dwar allegat abbuz mill-attur, li hu impjegat mac-civil u kien ser ikun kandidat ghall-elezzjoni generali tal-2013. Kaz li wassal sabiex is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali jordna investigazzjoni. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju wkoll li dak li gie rapportat kien ta' interess pubbliku.

13. Il-qorti ssib ukoll li rrispettivament jekk ix-xoghol sarx waqt il-hin tax-xoghol jew wara, sarx bi hlas jew minghjar hlas, kien ghal kollox barra minn loku li l-attur jingagga mpjegati pubblici li jaqghu taht ir-responsabbilta tieghu sabiex jaghmlu xoghol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa z-Zurrieq.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-attur.**

Anthony Ellul.